# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tnejn, 21 ta' Frar 2022

## Talba numru 310/2021SFJ

**VODAFONE MALTA LIMITED, ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LIMITED (C10865)**
**VS.**
**KIMBERLY ALY (181900L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet:

> "*Is-soċjetà attriċi titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jordna u jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf u seba' mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1,745.75) rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija ċellulari bil-kont numru 1.11048421, 1.1107641, u 1.11044446 fuq talba u a benefiċċju tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-fattura li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. X1 u Dok. X2.*
>
> *Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi kkonfermat mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi u dan kif jirriżulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. X3.*
>
> *Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.*"

Rat li l-konvenuta ġiet innotifikata fis-17 ta' Jannar 2022.

Ra li l-konvenuta ma ppreżentatx Risposta u ma dehret għal ebda seduta.

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' lill-Avv. Mariah Mula tixhed, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-21 ta' Frar 2022.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 2022, ir-rappreżentant legali tas-soċjetà attriċi, l-Avv. Mariah Mula, ikkonfermat taħt ġurament li l-ammont dovut lis-soċjetà attriċi kien l-istess ammont indikat fl-Avviż tat-Talba u li dak l-ammont ma kienx ġie mħallas lis-soċjetà attriċi, la *in toto* u lanqas parzjalment.

Oltre li x-xhieda hija sodisfaċenti u kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenuta ma ressqet ebda difiża u ebda prova in kontradizzjoni tax-xhieda tal-Avv. Mula. It-Tribunal, għalhekk, m’għandu ebda raġuni sabiex jiddubita l-veraċità tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa’ kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta’ jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta’ Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma’ kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta’ min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim’ Awla fil-31 ta’ Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim’ Awla fit-12 ta’ Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u sema’ lill-Avv. Mula tixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**Deċide**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa’ t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta’ elf u seba’ mija u ħamsa u erbgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€1,745.75) bl-imgħax, liema mgħax għandu jiddekorri b’rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, mid-data tal-ftuħ ta’ din il-kawża sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**